MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2008

Numru. 341/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank A. Tabone)**

**vs**

**Edward Gauci bin Gregory u Carmen nee’ Calleja, imwieled fis-6 ta’ Jannar, 1962 u residenti Bird of Paradise,**
**Triq Sarg, Kercem, Ghawdex, detentur**
**tal-karta tal-identita’ numru 307200(L)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra ’l hawn fuq imsemmi Edward Gauci li gie akkuzat talli nhar is-26 ta’ April, 2008, ghal habta ta’ 08:40hrs fl-inhawi tal-Qortin u/jew Ta’ San Pawl limiti ta’ San Lawrenz, Ghawdex:

1) Matul stagun maghluq ghal kacca u tehid tal-ghasafar kien barra fil-miftuh, fil-kampanja, sew fuq l-art tieghu, sew fuq l-art ta’ xi persuna ohra, jew ukoll barra minn din l-art, garr arma tan-nar u cioe’ senter tal-marka Breda bin-numru P15749 licenzjat mal-Kummissarju tal-Pulizija ghat-tehid tal-kacca u dan sar bi ksur tar-Regolament 15 tal-Aviz Legali 79/2006;
2) U talli bhala persuna illi f’ismu ghandu licenzja biex ikollu fil-pussess tieghu senter tal-marka Breda numru ta’ registrazzjoni P15749 naqas li jzomm din l-arma fil-kustodja tieghu b’tali mod li din l-arma setghet tigi f’idejn haddiehor bi ksur tal-artikolu 47(1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat ir-Regolament 15 tal-Avviz Legali 79/2006 u l-Artikolu 47 (1) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkunsidrat;

Illi l-Ligi fir-Regolament 15 tal-Avviz Legali 79/2006 tiddisponi li persuna li tkun qeghdha fil-miftuh fil-kampanja b’arma tan-nar ghandha tigi prezunta illi qeghdha hemmhekk ghall-kacca. Illi dan gie ppruvat mill-Prosekuzzjoni u ghalkemm l-imputat isostni illi l-arma hu kien ser jehodha ghat-tiswija pero’ l-Qorti ma tistax tifhem il-ghala l-imputat kellu jmur jistenna sabiex jiehu l-arma ghat-tiswija fil-kampanja;

Illi l-arma tan-nar giet esebita formalment mill-Prosekuzzjoni u kwindi l-prova saret kif rikjesta mill-Ligi;

Illi l-fatt illi l-imputat halla arma tan-nar mohbija taht sigra fil-kampanja fil-berah, hija azzjoni rresponsabbli u l-Qorti lanqas ma tista’ tifhem il-ghala l-imputat kellu jahbi l-arma tan-nar u ma zammiex mieghu meta skont hu ma kien qed jaghmel xejn hazin;

Ghaldaqstant l-akkuzi jirrizultaw ippruvati u ghalhekk il-Qorti ssib lill-imputat hati u tikkundannah multa erba’ mitt ewro (€400).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------